



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2023  
(OR. en)

7215/23

CSDP/PSDC 197  
CFSP/PESC 400  
EUMC 113  
COAFR 100  
PSC DEC 10  
EUTM SOMALIA 7

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/170 (EUTM Somalia/1/2023)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni  
tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi  
għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia)  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/170  
(EUTM Somalia/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia), inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.
- (2) Fit-8 ta' Frar 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/170<sup>1</sup> li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Roberto VIGLIETTA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Somalia.
- (3) Fid-29 ta' Novembru 2022, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Fulvio POLI biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Roberto VIGLIETTA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Somalia.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/170 tat-8 ta' Frar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1072 (EUTM Somalia/1/2022) (ĠU L 28, 9.2.2022, p. 17).

- (4) Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea qabel li jirrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Brigadier Ġeneral Fulvio POLI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Somalia.
- (5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Fulvio POLI u jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/170 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Fulvio POLI huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mit-23 ta' Marzu 2023.

### *Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/170 hija b'dan imħassra.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mit-23 ta' Marzu 2023.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

---